MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2009

Appell Kriminali Numru. 2/2009

**Il-Pulzija**

**Vs**

**Nikola Mangion**

**Il-Qorti:**

Dan hu appell interpost mill-Avukat Generali minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-7 ta' Jannar 2009 fil-konfront ta' Nikola Mangion.

L-imsemmi Nikola Mangion (bin Anthony u Karmena nee' Aquilina, imwieled fid-9 ta' Gunju 1971 u detentur tal-karta tal-Identita' nru 263571M) tressaq permezz ta' att ta' citazzjoni quddiem il-Qorti Inferjuri akkuzat bir-reati kontemplati fl-Artikoli 298 (1) (f) (qerq fil-kummerc) u 298B (1) (ksur tad-drittijiet tal-awtur) tal-Kodici Kriminali. Skond l-imputazzjoni dawn ir-reati saru fl-24 ta' Frar 2007 u fil-

granet ta' qabel gewwa l-hanut bl-isem ta' "Mega Home Entertainment" f'Hal Qormi, b'dan li r-reati kienu ta' natura kontinwata fit-termini tal-Artikolu 18 tal-Kap 9.

L-ewwel udjenza quddiem il-Qorti Inferjuri l-isemmi Nikola Mangion ammetta l-akkuzi. Dik il-qorti f'dik il-gurnata stess – cioe' 7 ta' Jannar 2009 – ghaddiet ghas-sentenza. Fis-sentenza taghha l-Qorti Inferjuri, wara li osservat li f'dan il-kaz it-tieni imputazzjoni kienet assorbita fl-ewwel wahda, ikkundannat lil Mangion multa ta' elf Euro (€1,000), pagabbli b'rati mensili ta' mitt Euro. L-Ewwel Qorti ghaddiet biex tinfliggi piena pekunjarja evidentement b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali.

L-aggravju tal-Avukat Generali hu maghmul jikkonsisti filli, skond hu, l-ewwel qorti ma setghetx taghti piena ta' multa b'applikazzjoni tal-imsemmi Artikolu 21 peress li ma kienx hemm ragunijiet specjali u straordinarji biex taghmel hekk.

Din il-Qorti semghet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell fl-udjenza tad-29 ta' Mejju 2009. F'din l-udjenza l-appellat, tramite d-difensur tieghu, issolleva l-pregudizzjali tan-nullita' tar-rikors tal-appell ghar-raguni li r-rikors ma kienx fih il-fatti fil-qosor kif ukoll ghar-raguni li fl-istess rikors l-appellat, Nikola Mangion, hu indikat bhala persuna tas-sess femminil flok bhala ragel. Din il-pregudizzjali hi infondata fuq iz-zewg punti mqajjma, u anzi tirazenta l-fieragh. Ir-rikors tal-appell fih il-fatti fil-qosor kif trid il-ligi (ara pagna tnejn, paragrafu tlieta tieghu), u l-fatt li min irrediga r-rikors haseb li l-isem "Nikola" jirreferi ghal mara flok ghal ragel ma jgibx b'daqshekk in-nullita' tal-istess rikors.

Fil-mertu, din il-Qorti, wara li regghet rat is-sentenza, hi sodisfatta li din tissodisfa l-vot tal-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali kemm mil-lat formali kif ukoll mil-lat sostantiv.

Ghalhekk tichad l-appel tal-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------